# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 1/2019/1 JVC**

**Alfred Degiorgio u George Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell tal-atturi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-23 ta' Marzu 2021 li biha ċaħdet it-talba tagħhom li sofrew ksur tal-jeddijiet fundamentali protetti bl-Art. 5, inkluż 5(3), 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Il-kawża kostituzzjonali saret minħabba li l-atturi ilhom mill-5 ta' Diċembru 2017 f'detenzjoni meta tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kienu akkużati bl-omiċidju ta' Daphne

Caruana Galizia. L-ilment tal-atturi jitratta dwar il-fatt li minkejja d-diversi talbiet li għamlu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u lill-Qorti Kriminali, it-talbiet għall-ħelsien mill-arrest kollha kienu miċħuda. Ilment ieħor sar b'referenza għat-talba għall-ħelsien mill-arrest għall-proċeduri oħra ta' *money laundering* li nbdew fis-27 ta' Ġunju 2018. Isostnu li minkejja l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tathom il-ħelsien mill-arrest, l-ordni tħassret mill-Qorti Kriminali. L-appellanti jilmentaw ukoll li filwaqt li l-Avukat Ġenerali għandu jedd jappella minn ordni ta' ħelsien mill-arrest, l-appellanti m'għandhomx dak il-jedd kull meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tiċħad it-talba. F'dan ir-rigward jilmentaw li hemm ksur tal-prinċipju ta' *equality of arms*, bi ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Ilment ieħor hu li qiegħda ssir diskriminazzjoni proprju minħabba li l-liġi ma tagħtihomx il-jedd ta' appell minn deċiżjoni li tiċħad it-talba għall-ħeslien mill-arrest.

3. L-ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Avukat tal-Istat intimat u stante li ma sabet l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikoli 5 inkluż sub-artikolu 3, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti"*.

4. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tiċħad it-talbiet tal-appellanti u li huma rilevanti għall-appell huma dawn:

***"L-ilmenti tar-rikorrenti taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem:***

*a) Illi l-ewwel ilment tar-rikorrenti taht l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea hu li ebda Qorti ma hi ser taghtihom il-helsien ghax dawk il-Qrati esprimew il-fehma avversa.*

*...............*

*Illi minn analizi tad-digrieti riportati aktar il' fuq jirrizulta li dan assolutament mhux il-kaz. Jirrizulta lil din il-Qorti li l-bazi tad-digrieti tad-diversi gudikanti fl-atti kienet dejjem l-artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet b'referenza wkoll ghall-insenjamenti partikolari tal-Qorti Ewropea tant li fil-maggorparti taghhom id-digrieti kollha jaghmlu referenza ghal bosta gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Il-Qorti rat ukoll li l-istess Qrati fid-digrieti taghhom ghamlu wkoll referenza ghall-istess gurisprudenza ripetuta ghal aktar minn darba, darbtejn fir-rikorsi tal-istess rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta lil din il-Qorti li l-Qrati Kriminali fid-digrieti taghhom dejjem sostnew id-decizjoni taghhom a bazi tal-erba' kriterji stabiliti mill-Qorti Ewropea kif ukoll tenut kont bhala bazi l-insistenza tal-Qorti Ewropea li l-imputat / akkuzat huwa dejjem presunt innocenti waqt il-proceduri.*

*Illi din il-Qorti rat ukoll partikolarment mit-trattazzjoni tal-abbli avukat tar-rikorrenti li filwaqt li huma ghamlu emfasi fuq uhud mid-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea jinjoraw izda decizjonijiet ohra li jsostnu li f'certu cirkostanzi huwa permissibbli li persuni, ghalkemm presunti innocenti, jibqghu jinzammu taht arrest preventiv u dan anki oltre certu limiti ta' zmien mposti mil-ligi.*

*Illi minn analizi tad-digriet suesposti l-Qorti rat li fir-rikorsi inizjali l-Qrati li kellhom f'idejhom l-atti tal-kumpilazzjoni (ghall-kuntrarju ta' din il-Qorti li m'ghandix l-atti ghax mhux fil-kompetenza taghha) kienu qed jaraw li r-ragunijiet kollha moghtija mill-artikolu 575 li jipprovdi l-eccezzjoni ghall-ghoti tal-helsin mill-arrest kienu qed jigu ravvizati u ghalhekk il-liberta' provizorja kienet qed tigi michuda. Referenza partikolari kienet qed issir ghall-fatt li l-provi kienu ghadhom qed jingabru u wkoll in-nuqqas ta' affidabilita' tar-rikorrenti.*

*Illi jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li, partikolarment fid-digrieti moghtija fis-sena 2019 'l quddiem, ir-ragunijiet principali li kienu qed jinghataw mill-istess Qrati ghar-rifjut tal-helsien mill-arrest kienu l-fatt li l-inkjesta in genere kienet ghadha attiva kontra terzi allura kienu qed jirravizaw biza ta' ntralc ta' provi f'kaz li r-rikorrenti jinghataw il-helsien mill-arrest. Il-Qrati wkoll kienu qed jenfasizzaw li l-fattispecie tal-kaz in disamina kienu ferm aktar wiesa' minn dawk riflessi fl-atti processwali kif limitati biss kontra r-rikorrenti u ghalhekk la darba kienu qed jaraw li hemm terzi ohra involuti u li kienu ghadhom ma gewx identifikati allura l-liberta` provizorja kienet qed tigi rifjutata. Apparti minn hekk ir-ramifikazzjonijiet tal-kaz b'diversi nies involuti jidher li kienet qed tippreokkupa ferm il-*

*Qrati b'referenza wkoll ghal biza' ta' dizordni pubbliku f'kaz li jinghata l-helsien mill-arrest, raguni din tal-ahhar li hija identifikata wkoll bhala gustifikabbli mill-Qorti Ewropea.*

*Illi jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li ghall-kuntrarju tal-proceduri l-ohra kontra r-rikorrenti fejn inghataw il-liberta` provizorja wara li nstemghu ix-xhieda kollha, f'dan il-kaz jirrizulta li anki wara li nharget l-att tal-akkuza, il-Qorti Kriminali baqghet tichad il-helsien mill-arrest fejn baqghet tigi emfasizzata fid-digrieti l-fatt illi l-investigazzjoni kontra terzi kienet ghadha ghaddejja u ghalhekk, ghalkemm kienet inharget l-att tal-akkuza l-Qorti Kriminali xorta kienet ghadha qed tirraviza ragunijiet taht l-artikolu 575 u b'referenza ghall-insenjament tal-Qorti Ewropea sabiex jigi rifjutat il-helsien mill-arrest f'dak l-istadju.*

*Illi fil-fatt jirrizulta mid-digriet tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Marzu, 2020 li l-bizghat tal-Qrati fid-digrieti precedenti li seta' jkun hemm intralc ta' provi rrizultaw gustifikati stante li fil-frattemp kienet tressqet persuna ohra akkuzata bl-istess delitt. Nonostante li tressqet din il-persuna, l-inkjesta in genere baqghet miftuha u ghalhekk il-biza' tal-intralc tal-provi baqghet ezistenti. Apparti din ir-raguni, l-liberta` provizorja baqghet tigi michuda partikolarment stante li rrizulta mill-atti li r-rikorrenti sahansitra kien qed ikollhom kuntatt ma' terzi involuti anki waqt li kienu mizmuma taht arrest preventiv fil-habs. Dan kollu wassal il-Qorti Kriminali sabiex sal-ahhar digriet li gie esebit fl-atti odjerni ma kelliex serhan ta' mohh li ma jkunx hemm intralc tal-provi u ghalhekk il-liberta' provizorja baqghet tigi rifjutata. Jirrizulta lil din il-Qorti li r-rifjut ghall-liberta` provizorja l-Qorti Kriminali ma ghamlitux in vacuum izda waslet ghal din il-konkluzjoni wara li bbazat l-argumentazzjoni taghha fuq diversa gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li mhux talli l-Qrati Kriminali ghamlu hafna referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti Ewropea u wkoll ghall-linji gwida dwar l-artikolu 5 izda wkoll taw motivazzjoni ampja fid-digrieti taghhom ibbazata fuq l-atti processwali ghar-rifjut tal-helsien mill-arrest lir-rikorrenti in linea mal-istess Konvenzjoni u l-gurisprudenza.*

*Il-Qorti ghalhekk ma tqisx li dan l-ilment tar-rikorrenti li jallegaw ksur tal-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni b'referenza ghac-cirkustanzi suesposti, huwa gustifikat.*

*c) Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Qrati Kriminali ma lahqux bilanc bejn il-biza' u d-dritt ghall-helsien mill-arrest. Ma' dan ir-rikorrenti jzidu li n-nuqqas tal-possibilita' li jigi ordnat l-electronic tagging mill-Qrati qed jillimita l-possibilita' li huma jinghataw il-helsien mill-arrest b'dan li jsostnu li dan ukoll qed jirrizulta fi ksur tal-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni.*

*Illi mill-atti dwar l-akkuzi ta' Hasil ta' Flus johrog car li mhux minnu li ma ntlahaqx bilanc stante li fil-mument li rrizulta li tressqu l-provi kollha f'dawk l-atti, l-Qorti Kriminali mill-ewwel procediet sabiex taghti l-helsien mill-arrest lir-rikorrenti.*

*Illi mill-atti dwar il-qtil ta' Daphne Caruna Galizia jirrizulta li sal-ahhar digriet esebit, il-Qorti Kriminali baqghet temfasizza l-biza' tal-intralc tal-provi da parti tar-rikorrenti bhala r-raguni ghar-rifjut tal-helsien mill-arrest stante li l-inkjesta in genere wkoll kienet ghadha miftuha kif jidher li ghadha miftuha sal-lum. Jirrizulta lill-Qorti li l-biza ta' intralc tal-provi giet aktar msahha fl-ahhar digriet moghti mill-Onorevoli Mhallef Edwina Grima wara li rrizulta mill-atti ta' quddiemha li r-rikorrenti kien qed ikollhom kuntatt ma' terzi allegatament involuti wkoll fl-istess omicidju nonostante li kienu qed jinzammu taht arrest preventiv fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Fid-digriet taghha dik il-Qorti dahlet ukoll f'analizi tal-possibilita' tal-'electronic tagging' tar-rikorrenti sabiex ikunu jistghu jinghataw il-helsien mill-arrest izda warrbet din il-possibilita` kemm ghar-raguni li l-ligi ma tipprovdix ghaliha izda wkoll minhabba l-inaffidabilita' tar-rikorrenti li kienu qed jaghmlu kuntatt ma' terzi minn gewwa l-Facilita', kuntatt li l-'electronic tagging' ma jistax iwaqqaf jew jikkontrolla f'kaz li r-rikorrenti kellhom jinghataw il-helsien mill-arrest.*

*Illi din il-Qorti tqis li, f'cirkustanzi fejn kien qed jirrizulta lill-Qrati Kriminali li dwar l-istess omicidju kien ghad hemm inkjesta in genere miftuha u li kien hemm terzi li ghadhom qed jigu nvestigati u wkoll rinfaccjati bl-agir inaffidabbli tar-rikorrenti anki minn gewwa l-habs, l-Qrati Kriminali kienu gustifikati li sal-istadju tad-digrieti esebiti fl-atti ma jaghtux il-liberta' provizorja u ma taqbilx mar-rikorrenti li l-Qrati ma zammewx bilanc bejn il-biza' u d-dritt ghall-helsien mill-arrest.*

*Illi l-Qorti temfasizza li mhux kompitu ta' din il-Qorti li tagixxi ta' Qorti tal-Appell wara li r-rikorrenti gew michuda l-helsien mill-arrest diversi drabi mill-Qrati edotti mill-atti processwali tal-kaz u li ghandhom il-poter fil-ligi li jaghtu jew jichdu l-liberta' provizorja. Tenfasizza wkoll li jekk fil-frattemp setghu avveraw ruhhom fatti ohra fl-atti kriminali, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom sabiex tanalizza jekk ghandhomx jinghataw il-liberta' provizorja izda se mai r-rikorrenti ghandhom jaghmlu d-debitu rikors quddiem il-Qorti Kriminali u jenfasizzaw ir-ragunijiet taghhom ghalfejn iqisu li ghandhom jinghataw il-helsien mill-arrest f'dan l-istadju.*

*Illi l-Qorti in vista tas-suespost tqis ukoll li dawn l-ahhar ilmenti b'referenza ghall-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea bhala mhux gustifikati u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.*

***B. Allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem – Id-dritt ghal procedument gust:***

*.........*

*Illi b'referenza ghal dan l-artikolu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-principju tal-'equality of arms' rizultat tas-segwenti:*

*a) Nuqqas ta' dirtt ta' appell ghall-imputat/akkuzat kuntrarju ghall-Avukat Generali li ghandu dritt li jappella jekk jinghataw il-helsein mill-arrest;*

*b) Id-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma hija sindakabbli bl-ebda mod.*

*Illi l-Qorti tqis li tista' titratta dawn iz-zewg lmenti f'daqqa. Jirrizulta li huwa minnu li fil-ligi kif inhi llum l-imputat/akkuzat ma ghandux dritt ta' appell minn digriet li permezz tieghu tigi michuda l-liberta' provizorja filwaqt li l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell f'kaz li tigi akkordata l-liberta` provizorja. Fil-fatt fl-atti gie esebit rikors a fol. 16 tal-process fl-atti tal-akkuzi ta' hasil ta' flus li appuntu rrizulta li l-Qorti tal-Magistrati akkordat il-helsien mill-arrest u l-Avukat Generali appella u d-decizjoni giet revokata. Pero' l-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghas-sottomissjoni tal-Avukat tal-Istat intimat li sabiex wiehed jevalwa proceduri humiex imparzjali jew le jehtieg li wiehed jara l-process shih u mhux biss parti minnu. Dan huwa wkoll sopportat minn gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*............*

*Issa fil-kaz odjern jirrizulta li huwa minnu li fit-termini tal-artikolu 575 (4A), kif gia` riportat aktar il' fuq l-Avukat Generali, ghandu dritt ta' appell wara li jigi milqugh rikors ghall-helsien mill-arrest filwaqt li imputat/akkuzat m'ghandux dan id-dritt f'kaz li t-talba tigi michuda. L-Avukat tal-Istat izda jargumenta li dan in-nuqqas huwa kumpensat mill-istess ligi li tawtorizza lill-imputat / akkuzat li fi kwalunkwe stadju tal-proceduri jipprezenta talba ghall-helsien mill-arrest kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'kaz li l-process ikun jinsab rinvijat ghandha jew quddiem il-Qorti Kriminali. Jenfasizza wkoll li ma hemmx limitu ghal kemm-il darba tista' tigi ntavolata din it-talba. Ukoll il-ligi timponi fuq il-Qorti sabiex tanalizza l-validita' tal-kontinwita ta' arrest preventiv kull hmistax-il gurnata.*

*Il-Qorti rat mill-atti li r-rikorrenti, ghalkemm fil-ligi ma ghandhom l-ebda dritt ta' appell minn rifjut ta' talba ghall-helsien mill-arrest, huma ghamlu uzu ferm ampju mid-dritt moghti lilhom fil-ligi li jintavolaw diversi talbiet ghall-ghoti ta' helsien mill-arrest. Fil-fatt jirrizulta fl-atti li dahlu mill-anqas tmien talbiet fl-atti tal-omicidju uhud minnhom dahlu l-ghada li jkun gie rifjutat ir-rikors precedenti. Jirrizulta wkoll li dawn it-talbiet marru quddiem diversi gudikanti skont il-process fejn ikun u wkoll l-istadju tal-proceduri.*

*Il-Qorti wara li ezaminat l-atti, l-ligi in konsiderazzjoni u dak li jinghad mill-Qorti Ewropea tqis li ghandha taqbel ma' dak espost mill-Avukat tal-Istat. Fl-ewwel lok il-Qorti Ewropea wkoll tikkonferma li d-dritt ghal smigh xieraq mhux neccessarjament jinkludi dritt ta' appell f'kull cirkustanza. Fit-tieni lok, ghalkemm huwa minnu li l-ligi ma tipprovdix ghal appell lill-imputat/akkuzat la minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati u lanqas tal-Qorti Kriminali fuq cahda ghal-liberta' provizorja u dan in-*

*nuqqas prima facie jista' jidher li jipprovdi zbilanc kontra l-istess imputat/akkuzat, l-Qorti tqis li dan in-nuqqas huwa sew bilancjat mid-dritt tal-imputat/akkuzat li jerga' jintavola rikors gdid fi kwalunkwe mument tal-proceduri kif effettivament jirrizulta li ghamlu r-rikorrenti. Ghalhekk jirrizulta li huwa ferm importanti li f'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti tqis l-istampa wiesa' tal-procedura kollha u mhux biss is-sub-artikolu partikolari li fuqha qed iressqu l-ilment ir-rikorrenti.*

*Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tqis ukoll li l-ilment tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll mhux gustifikat.*

***B. Allegat ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem – Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni:***

*Illi r-rikorrenti jsostnu li a bazi tal-istess nuqqas ta' dritt ta' appell taghhom minn decizjoni kontra l-ghoti tal-helsien mill-arrest, ghall-kuntrarju tad-dritt ta' appell tal-Avukat Generali f'kaz li din tinghata, jwassal ukoll li qed jigu diskriminati bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-Artikolu 14 jaqra kif isegwi:*

*'It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew statut iehor.'*

*L-Avukat tal-Istat intimat jikkontendi li l-ilment tar-rikorrenti ma jaqa' taht l-ebda kategorija fil-lista ezawrjenti msemmija taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Avukat tal-Istat. L-allegata disrkiminazzjoni dwar in-nuqqas ta' dritt ta' appell ma taqa' taht l-ebda kategorija msemmija fl-artikolu 14 u ghalhekk certament li ma jirrizultax ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taht dan l-artikolu*."

5. B'rikors preżentat fit-12 ta' April 2021 l-atturi appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti, filwaqt li fis-27 ta' April 2021 l-Avukat tal-Istat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

6. <u>Bl-ewwel aggravju</u> l-appellanti jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza li ma sabitx ksur tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni, għal dak li jirrigwarda

l-proċeduri relatati mal-omiċidju ta’ Daphne Caruana Galizia. Fl-aggravju għamlu referenza għall-Art.5(3) li jipprovdi:

> *“3. Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1 (c) of this Article shall be brought promptly before a judge or other officer authorised by law to exercise judicial power and shall be entitled to trial within a reasonable time or to release pending trial. Release may be conditioned by guarantees to appear for trial”.*

7. L-appellanti lmentaw li:

> *“5.2 huwa paċifiku illi l-esponenti ġia qegħdin fi stadju tal-proċeduri fejn il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja intemmu u huma ma ingħatawx ħelsien mill-arrest;*
>
> *5.3 Minn hekk biss, l-esponenti jgħidu illi huma ġew imċaħħda l-ewwel u qabel kollox mid-dritt illi jingħataw ħelsien mill-arrest pendenti l-proċeduri u għalhekk biss ġja hemm ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;*
>
> *5.4 L-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ġie miksur u qiegħed ikompli jiġi miksur għaliex minn qari tad-digrieti illi ingħataw fuq talbiet magħmula mill-esponenti sabiex jingħataw il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest fil-każ tal-omiċidju ta’ Daphne Caruana Galizia, jidher illi l-ebda qorti illi quddiemha setgħet issir tali talba ma kienet lesti illi tagħtihom il-ħelsien mill-arrest. Anzi, għall-kuntrarju, l-Imħallef Edwina Grima illi bħalissa hija l-Imħallef sedenti l-Qorti Kriminali li qiegħda tisma’ l-proċeduri fil-konfront tal-esponenti ...... stqarret fid-digriet mogħti minnha fis-6 ta’ Marzu 2020 illi “il-Qorti ma jista’ qatt ikollha s-serħan tal-moħħ illi r-rikorrenti jistgħu jagħtu dawk il-garanziji meħtieġa mil-liġi għal għoti tal-ħelsien mill-arrest.*
>
> *5.5 ..... Din hija l-posiżżjoni illi effettivament tfisser illi tali qorti ma hija qatt ser tagħtihom il-ħelsien mill-arrest minkejja illi għadhom preżunti innoċenti u intolre illi dik il-qorti mhijiex lesta illi tipprova tilħaq bilanċ bejn id-dritt tal-liberta’ tal-esponenti taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni li għadhom innoċenti u d-dritt tal-awtoritajiet għas-salvagwardja tal-każ tagħhom.*
>
> *5.6....... Lanqas huwa biżżejjed illi jingħad illi ladarba l-att tal-akkuża kontra l-esponenti inħareġ fi żmien għoxrin (20) xahar u illi allura skond it-termini kontemplati fl-artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-Qorti Kriminali tista’ tibqa’ ma tagħtix il-ħelsien mill-arrest.......*
>
> *5.7. B’referenza għal dan it-tagħlim, għandu jingħad illi fil-każ tal-esponenti id-detenzjoni kontinwata tal-esponenti hija żgur bi ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni peress illi la qatt ġie ippruvat li attwalment jeżisti u lanqas jista’ jingħad illi hemm a genuine requirement of public*

*interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention. Illum il-ġurnata l-esponenti ilhom mal-erbgħin (40) xahar miżmuma fi pre-trial detention liema perjodu bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jissejjaħ raġonevoli.*

*5.8 Inoltre minn qari tad-digrieti mogħtija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-każ ta' omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia jidher illi r-raġunijiet mogħtija għal ċaħda tal-ħelsien mill-arrest preventiv huma 'general and abstract'. Li Qorti Kriminali tgħid li l-esponenti ma jistgħu qatt jagħtuha serħan il-moħħ illi josservaw il-garanziji għall-ħelsien mill-arrest jew illi l-Qorti Kriminali tirraviża l-biżgħat kollha msemmija fl-artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex raġunijiet speċifiċi iżda ġenerali u astratti u għalhekk hemm ksur tal-artikolu 5(3) tal-konvenzjoni. F'dan il-każ huwa evidenti li hemm quasi-automatic prolongation of detention li tikser id-dritt fundamentali tagħhom hawn fuq imsemmi.*

*.........*

*5.10 L-awtoritajiet ma wrew xejn b'mod konvinċenti kif meħtieġ minn din il-ġurisprudenza u mhuwiex biżżejjed illi jingħad mill-awtoritajiet illi sakemm ma jgħaddux l-għoxrin (20) xahar kontemplati mill-artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jilħaq jinħareġ l-Att t'Akkuża mill-Avukat Ġenerali kull perjodu ta' detenzjoni huwa ġustifikat. Anke jekk il-perjodu ta' detenzjoni ikun wieħed qasir huwa doveruż illi tintwera ġustifikazzjoni b'mod konvinċenti.*

*5.11. Jinstab mgħallem ukoll illi:*

*4.Grounds for continued detention.*

*206. The Convention case-law has developed four basic acceptable reasons for refusing bail: (a) the risk that the accused will fail to appear for trial; (b) the risk that the accused, if released, would take action to prejudice the administration of justice, or (c) commit further offences, or (d) cause public disorder (Buzadji v. the Republic of Moldova [GC], § 88; Tiron v. Romania, § 37; Smirnova v. Russia, §59; Piruzyan v.Armenia, §94). Those risks must be duly substantiated, and the authorities' reasoning on those points cannot be abstract, general or stereotyped (Merabishvili v. Georgia [GC], § 222). However, nothing precludes the national judicial authorities from endorsing or incorporating by reference the specific points cited by the authorities seeking the imposition of pre-trial detention (ibid., § 227).*

*5.12. Issa fattwalment l-ebda wieħed minn dawn ir-raġunijiet ma ġie ippruvat jew jirriżulta. Anzi, jekk xejn, irriżulta l-kuntrarju.*

*.........*

*5.14...... Mhux biżżejjed illi fid-digrieti issir referenza għal xi sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu. Dak illi huwa meħtieġ huwa li l-prinċipji mgħallma f'tali sentenzi jiġu applikati għall-każ odjern, ħaġa illi żgur ma saritx. Il-Qorti Kriminali esprimiet ruħha illi l-esponenti ma jistgħu qatt jagħtuha serħan il-moħħ li josservaw il-kundizzjonijiet imposti fuqhom. Tali dikjarazzjoni ġenerika illi ma tfisser xejn ħlief illi l-Qorti Kriminali ma hija ser tagħtihom qatt il-liberta' provviżorja saret mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima illi hija l-unika mħallef sedenti illi tista' tikkunsidra t-talbiet tagħhom għal-liberta' provviżorja;*

*5.15 Bir-rispett kollu dovut, l-ewwel Onorabbli Qorti naqset għal kollox milli tikkunsidra jekk il-biżgħat jew raġunijiet imsemmija biex ma tingħatax il-liberta' provviżorja kinux attwalment ippruvati jew kinux sempliċement biżgħat li l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali semmew. Lanqas il-fatt illi l-inkjesta in genere għadha miftuħa u attiva jew għaddejja fil-konfront ta' terzi ma jfisser illi l-esponenti jibqgħu ma jingħatawx il-ħelsien mill-arrest. Iktar minn hekk, il-fatt li l-Qorti Kriminali fid-digriet mogħti fis-6 ta' Marzu 2020 tgħid illi minn ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin l-esponenti kellhom kuntatt ma' terzi ma jfissirx illi kien hemm jew seta' jkun hemm xi intralċ tal-provi u għalhekk lanqas tali ċirksotanza ma setgħet tiġġustifika ċ-ċaħda mill-għoti tal-ħelsien mill-arrest. X'intralċ tal-provi huwa?".*

8. Il-proċeduri kriminali kontra l-appellanti dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia nbdew fil-5 ta' Diċembru 2017. S'issa l-appellanti għadhom ma ngħatawx il-ħelsien mill-arrest u kważi għaddew erba' snin mid-data li fiha tressqu l-qorti. L-Art. 5(3) tal-Konvenzjoni għandu jinftiehem fis-sens li l-imputat jew akkużat għandu jingħata l-ħelsien proviżorju mill-arrest fil-kors tal-proċeduri kriminali, diment li d-detenzjoni kontinwata ma tibqax raġonevoli. Ovvjament deċiżjoni bħal dik trid tiġi determinata a bażi tal-fatti.

9. Fis-sentenza <u>Lisovskij v. Lithuania</u> (36249/14) tat-2 ta' Mejju 2017 il-QEDB qalet:

> *"66. The Court reiterates in particular that the question of whether or not a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be assessed in each case according to its special features. Accordingly, there is no fixed time-frame applicable to each case (see McKay v. the United Kingdom [GC], no. 543/03, § 45, ECHR 2006-X). The responsibility falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable time. To this end they must, paying due regard to the principle of the presumption of innocence, examine all the facts arguing for or against the existence of a public interest which justifies a departure from the rule in Article 5 and must set them out in their decisions on the applications for release. It is essentially on the basis of the reasons given in these decisions and of the established facts stated by the applicant in his appeals that the Court is called upon to decide whether or not there has been a violation of Article 5 § 3 (see Idalov v. Russia [GC], no. 5826/03, § 141, 22 May 2012).*
>
> *67. The Court also reiterates that cases which concern organised crime inevitably present more difficulties for the investigative authorities and courts in determining the facts and the degree of responsibility of each member of the criminal organisation (see Pastukhov and Yelagin v. Russia, no. 55299/07, § 44, 19 December 2013, and the cases cited therein). In cases of this kind, continuous control and limitation of the defendants' ability to contact each other and other individuals may be essential to avoid their absconding, tampering with evidence and influencing or threatening witnesses. Accordingly, longer periods of detention than in other cases may be reasonable (see Bąk v. Poland, no. 7870/04, §§ 56-57, 16 January 2007; Tomecki v. Poland, no. 47944/06, § 29, 20 May 2008; and Luković, cited above, § 46)".*

10. Hu fuq l-awtoritajiet nazzjonali d-dmir li juru li hemm raġunijiet validi għalfejn l-appellanti għandhom jibqgħu f'detenzjoni.

11. B'referenza għall-kawża dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia għallinqas mill-provi li ressqu l-appellanti f'din il-kawża, jirriżulta li ppreżentaw rikorsi:

i. Fit-12 ta' April 2018 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. B'digriet tat-18 ta' April 2018 il-Qorti ċaħdet it-talba;

ii. Fil-11 ta' Ġunju 2018 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. B'digriet tad-9 ta' Lulju 2018 il-Qorti ċaħdet it-talba;

iii. Fl-24 ta' Lulju 2018 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tal-1 ta' Awwissu 2018 il-Qorti ċaħdet it-talba;

iv. Fit-2 ta' Awwissu 2018 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tas-7 ta' Awwissu l-Qorti ċaħdet it-talba;

v. Fl-24 ta' Settembru 2018 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tat-2 ta' Ottubru 2018 il-Qorti ċaħdet it-talba fil-konfront tal-appellanti.

vi. Fid-9 ta' Mejju 2019 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tal-14 ta' Mejju 2019 il-Qorti ċaħdet it-talba.

vii. Fl-10 ta' Lulju 2019 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tat-22 ta' Lulju 2019 il-Qorti ċaħdet it-talba.

viii. Fit-2 ta' Marzu 2020 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tas-6 ta' Marzu 2020 il-Qorti ċaħdet it-talba.

12. F'dan ir-rigward per eżempju fl-aħħar żewġ digrieti l-Qorti Kriminali rraġunat hekk:

i. 14 ta' Mejju 2019 (fol. 306), qalet li l-inkjesta kienet għadha pendenti u hemm *".... suspett qawwi allura illi l-malviventi involuti fil-kummissjoni tad-delitt għadhom ma ġewx kollha interċettati. Illi din l-investigazzjoni wiesa' li hija attiva allura għandha tfisser illi f'dan il-każ jista' jkun hemm il-periklu reali ta' preġudizzju fil-kors tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja"*. Kompliet li l-għoti tal-ħelsien mill-arrest jista' jwassal għal xkiel *".... sabiex il-malviventi kollha jitressqu biex iwieġbu għal egħmilhom"*. Dan apparti l-biża' li jinqala' *public disorder* jekk l-appellanti jingħataw il-ħelsien mill-arrest.

ii. 22 ta' Lulju 2019 (fol. 279) fejn il-Qorti Kriminali reġgħet ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest għar-raġuni li jista' jkun hemm intralċ fl-investigazzjoni li kienet qiegħda ssir fil-konfront ta' terzi.

iii. 6 ta' Marzu 2020 (fol. 291) reġgħet ċaħdet it-talba tal-appellanti minħabba li:

> *"Illi dak li jippreokkupa lill-Qorti b'mod ewlieni huwa illi r-ramifikazzjonijiet ta' dan il-każ huma pjuttost wiesa' b'terzi persuni allegatament involuti fil-kummissjoni tad-delitt jiġu imressqa l-qorti biss reċentement, bl-inkjesta dwar l-in genere dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia għadha miftuħa u b'persuni oħra għadhom qed jiġu investigati b'rabta mal-kummissjoni tar-reat addebitat lir-rikorrenti. Mhux biss iżda saħansitra minn ġewwal l-Faċilita Korrettiv ta' Kordin jidher illi kienet qed issir komunikazzjoni bejn ir-rikorrenti tramite mandant ma' wħud minn dawn il-persuni hekk allegatament involuti. Illi allura l-Qorti ma jista' qatt ikollha s-serħan tal-moħħ illi r-rikorrenti jistgħu jagħtu*

> *dawk il-garanziji meħtieġa mil-liġi għal għoti tal-ħelisen mill-arrest"*.

13. L-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia ixxokja lil Malta u pajjiżi esteri. Hu omiċidju li jattakka fil-profond il-jedd fundamentali tal-liberta` tal-espressjoni tal-ġurnalisti li għandhom jedd jinvestigaw, jistaqsu u jirrapportaw. Xogħol li hu fiċ-ċentru ta' kull demokrazija. Caruana Galizia kienet ġurnalista li tinvestiga u tippubblika dwar każijiet fejn tkun allegata korruzzjoni b'involviment ta' persuni li jokkupaw karigi fil-Gvern jew huma viċin tal-Gvern.

14. Omiċidju li wassal għall-protesti f'Malta mifruxa fuq diversi xhur u dibattiti u rapporti fil-*fora* internazzjonali. Hu fl-interess pubbliku li l-investigazzjonijiet dwar dan il-qtil makabru jitkomplew bla waqfien sabiex jiġi stabbilit hemmx persuni oħra li għandhom jiġu akkużati b'reati in konnessjoni mal-qtil ta' Caruana Galizia. Min-naħa l-oħra hu wkoll fl-interess pubbliku li l-proċeduri kriminali li hemm pendenti jingħataw prijorita` u jitkomplew bla waqfien sabiex issir ġustizzja mingħajr dewmien. Il-Qorti tifhem li każ bħal dan jieħu ċertu żmien iktar u iktar meta tqis il-kwantita` ta' provi u eċċezzjonijiet preliminari li tqajmu mill-appellanti b'referenza għall-att ta' akkuża.[1] Fil-fatt fir-rikors promotur l-appellanti ma ilmentawx minn dewmien fil-proċeduri. Dan apparti l-

[1] Fit-30 ta' Ottubru 2020 il-Qorti Kriminali tat deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li taw l-akkużati fil-każ ir-Repubblika ta' Malta v. George Degiorgio (7/2019). Deċiżjoni pendenti fl-appell.

iżvilupp li seħħ riċentement meta wieħed mill-ko-akkużati ammetta l-akkużi u qiegħed jixhed u jagħti tagħrif dwar l-omiċidju.

15. L-appellanti argumentaw li għalkemm fid-digriet tas-6 ta' Marzu 2020 il-Qorti Kriminali qalet li matul il-perjodu ta' detenzjoni l-appellanti *"5.15...... kellhom kuntatt ma' terzi ma jfissirx illi kien hemm jew setgħa jkun hemm xi intralċ tal-provi u għalhekk lanqas tali ċirkostanza ma setgħet tiġġustifika ċ-ċaħda mill-għoti tal-ħelsien mill-arrest. X'intralċ tal-provi huwa?"* Sabiex qorti tiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest m'huwiex meħtieġ li jintwera li kien hemm xi intralċ ta' provi. Il-Qorti fehmet id-digriet tas-6 ta' Marzu 2020 fis-sens li hemm provi li juru li kemm ilhom f'detenzjoni, l-appellanti tramite mandatarju għamlu kuntatt ma' persuni li dwarhom hemm suspett li b'xi mod jew ieħor kienu involuti fil-każ. Dik m'hijiex raġuni li tista' tiġi deskritta bħala *"general and abstract"*.

16. L-appellanti għamlu wkoll ħafna enfażi fuq il-fatt li fid-digriet tas-6 ta' Marzu 2020 l-Qorti Kriminali qalet:

> *"Illi dak li jippreokkupa lill-Qorti b'mod ewlieni huwa illi r-ramifikazzjonijiet ta' dan il-każ huma pjuttost wiesa' b'terzi persuni allegatament involuti fil-kummissjoni tad-delitt jiġu imressq l-qorti biss reċentement, bl-inkjesta dwar l-in genere dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia għadha miftuħa u b'persuni oħra għadhom qed jiġu investigati b'rabta mal-kummissjoni tar-reat addebitat lir-rikorrenti. Mhux biss iżda saħansitra minn ġewwal l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jidher illi kienet qed issir komunikazzjoni bejn ir-rikorrenti tramite mandant ma wħud minn dawn il-persuni hekk allegatament involuti. Illi allura l-Qorti ma jista' qatt ikollha serħan tal-moħħ illi r-rikorrenti jistgħu*

*jagħtu dawk il-garanziji meħtieġa mil-liġi għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest".*

17. Il-Qorti tifhem li r-raġunament f'dak id-digriet qiegħed jirreferi għas-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri kriminali, u mhux dikjarazzjoni fis-sens li l-Qorti Kriminali ma tista' qatt tagħti l-ħelsien mill-arrest lill-appellanti. Tant hu hekk li fl-aħħar paragrafu tad-digriet il-Qorti qalet:

> *"Hija allura l-fehma ta' din il-Qorti għal motivi hawn fuq miġjuba illi minħabba l-fattispecje partikolari ta' dan il-każ <u>meta għad hemm il-periklu</u> li jista' jinħoloq preġudizzju serju fil-kors tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja minħabba n-natura gravi tar-reati li dwarhom jinsabu mixlija r-rikorrenti, fejn fost oħrajn għad hemm terzi persuni li qed jiġu investigati għadha teżisti dik il-biża' reali ravviżata fl-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali li almenu f'dan l-istadju għadha tiġġustifika d-detenzjoni tar-rikorrent".*

18. Kliem li jsaħħu l-fehma ta' din il-Qorti li d-digriet tal-Qorti Kriminali m'għandux jinftiehem bħala deċiżjoni li l-appellanti qatt mhuma ser jingħataw ħelsien mill-arrest. Evidenti li l-Qorti Kriminali tat id-deċiżjoni a bażi ta' dak li rriżultalha fiż-żmien li ddeċidiet it-talba magħmula bir-rikors tat-2 ta' Marzu 2020.

19. Ovvjament hi l-Qorti Kriminali li tinsab fl-aħjar posizzjoni li tiddetermina kwistjonijiet ta' fatt dwar it-talba għall-ħelsien mill-arrest. Altru milli hemm interess pubbliku li kull min b'xi mod jew ieħor kien involut f'dan il-każ makabru jinstab u jitressaq il-qorti sabiex iwieġeb għall-akkużi. Fid-digriet tas-6 ta' Ottubru 2020 il-Qorti qalet li teżisti *'xibka ta' kriminalita`'* involuta f'dan il-każ. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li bħalissa wieħed mill-appellanti għandu kontrih proċeduri kriminali relatati mal-

omiċidju tal-avukat Dr Carmel Chircop. Dan apparti li hu tagħrif fid-dominju pubbliku li l-appellanti stess fit-talba għall-maħfra lill-President ta' Malta, implikaw Ministru u terza persuna f'dan il-każ ta' omiċidju u f'każijiet oħra ta' kriminalita` f'Malta. Allegazzjonijiet ferm inkwetanti u li ovvjament hemm bżonn li jiġu investigati, sabiex jekk hemm persuni oħra suspettati b'involviment f'dan il-każ li kexkex pajjiż u f'każijiet oħra, jitressqu l-qorti.

20. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li f'każ bħal dan fejn *si tratta* ta' attivita` kriminali fuq din l-iskala, ir-riskju li jekk tingħata l-ħelsien mill-arrest isir xi forma ta' pressjoni fuq ħaddieħor hu reali u għoli (ara per eżempju sentenza tal-QEDB Podeschi v. San Marino tat-13 ta' April 2017, paragrafu 149). Il-Qorti tagħraf li perjodu ta' detenzjoni ta' kważi erba' snin hu konsiderevoli. Pero` f'każ bħal dan sal-lum l-interess pubbliku jitlob li l-appellanti jibqgħu detenuti, b'dan li l-Avukat Ġenerali u l-qorti kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom li wkoll fl-interess ġenerali dan il-każ jingħata l-prijorita` li hemm bżonn li jingħata. Każijiet ta' din l-iskala u serjeta`, li bħalu hemm oħrajn pendenti, ikomplu jikkonfermaw kemm hemm bżonn li l-Gvern jagħti ħafna iktar riżorsi lill-qrati sabiex il-ġustizzja tkun tista' ssir fi żmien raġonevoli fl-interess ġenerali wkoll. Dan apparti li l-proċedura ta' kif isiru dawn it-tip ta' każijiet u oħrajn quddiem il-qrati kriminali hi antikwata u twassal għal dewmien bla bżonn. Hemm bżonn li l-leġislatur jieqaf ikaxkar saqajh dwar din il-

materja u jintroduċi emendi radikali. L-esiġenzi tas-soċjeta` tal-lum huma ferm differenti minn dawk tal-passat, u l-proċedura li għad għandna m'hijiex adegwata.

21. Meta l-Qorti tikkunsidra ċ-ċirkostanzi speċjali li ssemmew fl-aħħar digriet tal-Qorti Kriminali li ppreżentaw l-appellanti, il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.

22. Il-kwistjoni dwar il-possibilta` li jsir *electronic tagging* tal-appellanti f'dan l-istadju hi irrilevanti, għaliex s'issa għad m'hemmx il-kundizzjonijiet sabiex l-appellanti jingħataw il-ħelsien mill-arrest. L-*electronic tagging* iservi sabiex l-iktar jiġi żgurat li l-akkużat jattendi għas-seduti. Mill-aħħar digrieti li ngħataw mill-Qorti Kriminali u li bihom ġew miċħuda t-talbiet għall-ħelsien mill-arrest, ma jidhirx li l-biża' hi l-appellanti jaħarbu minn Malta iżda pjuttost li l-appellanti jfixklu l-andament tal-investigazzjoni li għadha għaddejja. Aġir li jista' jseħħ irrispettivament jekk l-akkużat ikunx liebes *electronic tagging*.

23. Bit-tieni aggravju l-appellanti lmentaw li filwaqt li l-Kodiċi Kriminali jagħti lill-Avukat Ġenerali l-jedd li jappella deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja meta tagħti l-ħelsien mill-arrest, l-imputat m'għandux l-istess jedd. F'dan ir-rigward għamlu referenza

għall-Art. 575A(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellanti jsostnu li hemm ksur tal-jedd tal-prinċipju ta' *equality of arms*. F'dan ir-rigward għamlu referenza għas-sentenza Conrad Axisa v. Avukat Ġenerali et tal-20 ta' April 2012 li tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fejn ġie iddikjarat li l-Art. 575A(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali jagħti lok għal trattament differenti u għalhekk jikser il-jedd tar-rikorrent għal *'equality of arms'*.

24. L-Art. 575A(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdu:

> *"2) L-Avukat Ġenerali jista', mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li jkun imiss wara d-data tan-notifika lilu tal-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati, jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jitlob it-tħassir jew tibdil tal-ordni u l-Qorti Kriminali għandha taħtar ġurnata għas-smigħ tar-rikors li tkun mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn meta ġie preżentat ir-rikors. Il-Qorti Kriminali għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rikors bl-urġenza.*
>
> *(3) L-esekuzzjoni tal-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati li jordna l-ħelsien mill-arrest tal-persuna akkużata għandha tiġi sospiża tul iż-żmien mogħti lill-Avukat Ġenerali biex jagħmel rikors lill-QortiKriminali taħt dan l-artikolu u, wara li jsir ir-rikors, sakemm il-Qorti Kriminali tagħti d-deċiżjoni tagħha".*

25. L-ilment oriġinali tal-appellanti kien kemm b'referenza għall-kawża dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u l-oħra dwar *money laundering*. Kawżi li qegħdin jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

26. L-ilment tal-appellanti hu li filwaqt li l-Avukat Ġenerali għandu jedd ta' appell quddiem il-Qorti Kriminali, huma ma jgawdux minn dak il-jedd. Ovvjament wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. L-

imsemmija disposizzjonijiet ma jagħtux lill-Avukat Ġenerali jedd ta' appell fejn Qorti Kriminali tilqa' it-talba għall-ħelsien mill-arrest. Għalhekk l-ilment tal-appellanti jista' jiġi mistħarreġ in kwantu l-liġi tagħti jedd ta' appell fil-każ fejn ħelsien mill-arrest jingħata mill-Qorti tal-Maġistrati. Ġialadarba f'dan il-każ partikolari l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hi bħala Qorti Istruttorja, il-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti jridu jkunu bbażati fuq dak il-fatt.

27. Għalkemm m'hemmx disposizzjoni simili għall-Art. 575A(2) tal-Kodiċi Kriminali meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tiċħad it-talba tal-imputat għall-ħelsien mill-arrest, m'hemm xejn x'iżommu lill-imputat milli jitlob lill-Qorti Kriminali għall-ħelsien mill-arrest kull meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tibgħat l-atti lura lill-Avukat Ġenerali. Id-diversi rikorsi li l-appellanti ppreżentaw fil-Qorti Kriminali għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest, u li dejjem ġew ikkunsidrati u deċiżi, hu konferma ta' dan.

28. Il-liġi ma timponi l-ebda limitu dwar kemm-il darba l-imputat li jkollu l-każ qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, jista' jitlob lill-Qorti Kriminali sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti m'hijiex ser toqgħod terġa' ssemmi r-rikorsi li l-appellanti ppreżentaw għall-ħelsien mill-arrest.

29. Fil-kawża dwar *money laundering* l-appellanti ppreżentaw rikors għall-ħelsien mill-arrest:

i. Fis-7 ta' Settembru 2018 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. B'digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru 2018 il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet. B'rikors preżentat fil-31 ta' Ottubru 2018 fil-Qorti Kriminali, l-Avukat Ġenerali talab li jitħassar id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). B'digriet mogħti fl-1 ta' Novembru 2018 il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba u ordnat l-arrest tal-imputati.
ii. Fis-16 ta' Novembru 2018 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tal-21 ta' Novembru 2018 il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba.
iii. Fid-19 ta' Frar 2019 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tas-26 ta' Frar 2019 il-Qorti ċaħdet it-talba.
iv. Fid-29 ta' Marzu 2019 fil-Qorti Kriminali. B'digriet tat-12 ta' April 2019 il-Qorti laqgħet it-talba wara li kkonkludiet li ma kienx hemm iktar ostakolu sabiex l-imputati jingħataw il-ħelsien mill-arrest.

30. Dan it-tagħrif fih innifsu hu prova kif għalkemm il-proċedura kontemplata mill-Art. 574A(2) tapplika biss favur l-Avukat Ġenerali, l-appellanti għamlu diversi talbiet lill-Qorti Kriminali sabiex jingħataw il-

ħelsien mill-arrest. Talbiet li jistgħu jsiru kull darba li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tibgħat l-atti lura lill-Avukat Ġenerali. Saħansitra fil-każ dwar *money laundering*, kienet proprju l-Qorti Kriminali li laqgħet it-talba għall-ħelsien mill-arrest tal-appellanti (digriet tad-29 ta' Marzu 2019 li ngħata fil-mori ta' din il-kawża kostituzzjonali).

31. L-opportunita` li għandhom l-appellanti li jagħmlu talba lill-Qorti Kriminali għall-ħelsien mill-arrest, kif fil-fatt għamlu u f'każ minnhom kienet dik il-qorti li tathom il-ħelsien mill-arrest, fiha nnifisha toħloq bilanċ mal-proċedura kontemplata fl-Art. 574A(2) tal-Kodiċi Kriminali li hi disponibbli biss lill-Avukat Ġenerali. L-appellanti kellhom u għad għandhom rimedju li hu daqstant ieħor effettiv daqs il-proċedura li hemm fl-Art. 574A (2) tal-Kodiċi Kriminali.

32. Bit-tielet aggravju l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti żbaljat meta ma sabitx ksur tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni moqri flimkien mal-Artikoli 5 u 6;

> *"7.3 Fil-kuntest ta' dan l-ilment, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jrid jinqara flimkien mal-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni. Il-ksur lamentat ta' trattament diskriminatorju jinsorġi mill-fatt illi fejn si tratta tal-liberta' personali u tad-dritt ta' smigħ xieraq, l-Avukat Ġenerali għandu aktar drittijiet mill-imputat fi proċeduri penali u dan kif ġie spjegat fl-aggravju preċedenti;*
>
> *7.4 Il-liġi hija diskriminatorja għaliex tagħti drittijiet aktar wiesa' lill-Avukat Ġenerali (poteri ta' reviżjoni jew appell) mid-drittijiet illi għandu l-imputat u għalhekk l-esponenti umilment jissottomettu illi għandu jinstab ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni meta moqri flimkien mal-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni".*

33. Minħabba l-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tieni każ, f'dan il-każ partikolari ma jistax ikun hemm id-diskriminazzjoni li l-appellanti jilmentaw dwarha. Kif irriżulta mill-provi kellhom rimedju li jagħmlu talba lill-Qorti Kriminali sabiex jingħataw il-ħelsien mill-arrest, u liema rimedju għamlu użu minnu kemm-il darba.

34. Ir-raba' aggravju jitratta dwar l-għoti ta' rimedju. Aggravju li m'hemmx ħtieġa li jiġi kkunsidrat ġialadarba l-appellanti ma ngħatawx raġun fir-rigward tal-aggravji l-oħra.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr